# NIES LI JAGĦMLU UNUR LIR-RAĦAL TAGĦNA

## DUN ĠORĠ PRECA

Twieled il-Belt Valletta fit-12 ta' Frar 1880 u tgħammed fil-Knisja tal-Portu Salvu San Duminku. Ħa l-quddiesa fit-22 ta' Diċembru 1906. Wara xi żmien saċerdot ried iwaqqaf is-Soċjeta M.U.S.E.U.M. Wara ħafna taħbit l-Isqof Dom Mauro Caruana tah permess. Ħafna mit-taħdidiet kienu jsiru taħt ħarruba f'għalqa f'Sta. Venera. Għex għal xi żmien f'B'Kara u l-Ħamrun. Bil-ħidma kbira tiegħu nbniet il-Kappella tal-Blata l-Bajda. L-aħħar snin ta' ħajtu qattagħhom f'dar ġdida fi Triq is-Sillar illum Triq il-Parroċċa. Miet fis-26 ta' Lulju 1962, lejliet il-Festa liturġika tal-Padruna tagħna Santa Venera V.M. fid-dar imdawwar b'Sorijiet, Saċerdoti u l-Kappillan P. Kiljan Azzopardi O. Carm. Din id-dar tinsab f'idejn Soċja tal-Museum is-Sinjorina Nellie Bartolo u fiha tinsab kamra b'xi affarijiet sagri li kien juża Dun Ġorġ.

## DUN FRANCE CAMILLERI

twieled il-Marsa fid-29 ta' Jannar 1918 u tgħammed fil-Parroċċa tas-Santissima Trinita'. Sar Saċerdot fl-1943. Kien poeta ta' fama kbira. Kiteb bosta innijiet tal-qaddisin fosthom "INNU LIL SANTA VENERA V.M." fl-1950. Kollezzjonista tal-bebbux li bihom ħadem ħafna xogħlijiet ta' l-arti. Għex għal ħafna żmien ma ħuh Dun Ġużepp Camilleri f'dar fi Triq Carini f'Sta. Venera. Miet nhar il-5 ta' Dicembru 1990.

## PATRI ĠUSTIN SANT O. CARM.

Twieled f'Sta. Venera fil-25 ta' Novembru 1922 u tgħammed fil-Knisja ta' Santa Venera V.M. Ġie ordnat saċerdot fil-21 ta' Diċembru 1946. Tista tgħid li ħajtu kollha għaddiha f'din il-Parroċċa. Ħadem ħafna fost iż-żagħżagħ ġuvintur ta' l-Azzjoni Kattolika, għallem fil-Mount Carmel College, fl-iskola San Filippu neri u fl-Istitut Tekniku ta' San Ġużepp ta' Raħal il-Ġdid. Patri Gustin inħatar Provinċjal fl-1968 sal-1975. Meta fl-24 ta' Jannar 1956 ġiet iffurmata l-ewwel Kummissjoni tal-bini tal-Knisja l-Ġdida, Patri Gustin kien wieħed minn din il-Kummissjoni. Fetaħ u bierek għall-ewwel darba il-Kripta tal-Knisja l-Ġdida. Miet nhar l-10 ta' Frar 1993 wara marda twila fid-dar ta' ħutu fi Triq Carini. L-għada filgħodu ittieħed għall-qima tal-Poplu Vendriz fil-Knisja l-Antika u Matriċi fejn wara ittieħed fil-Knisja Parrokkjali fejn saritlu quddiesa Presente Catavere u l-poplu Vendriż urieh ir-rispett li kellu lejn Patri Gustin Sant.

## KARLU DARMANIN

Twieled l-Isla fit-30 t'Awissu 1825 u tgħammed l-għada fil-Bażilika ta' Marija Bambina. Huwa ġej minn familja ta' Statwarji. Meta iżżewweġ ġie joqgħod fid-dar Nru. 290, Triq il-Kbira San Ġużepp il-Ħamrun. Peress li biex imur l-Isla kuljum kellu l-bogħod għall-ħanut tax-xogħol huwa sab remissa f'Nru. 488, Triq il-Kbira San Ġużepp Sta. Venera. Ġo dan il-ħanut, li jiġi faċċata taċ-Ċentru Parrokkjali, huwa ħadem bosta statwi tal-karta pesta ta' ħila kbira. F'dan il-ħanut inħadmu fost l-oħrajn is-Salvatur ta' Ħal Lija, il-Madonna ta' Lourdes tal-Qrendi, San Gejtanu tal-Ħamrun, xi Vari tal-Ġimgħa l-Kbira tal-Mosta, Anġli

biex iżejnu t-toroq u għadd kbir ta' statwi Titulari oħra. Fil-Parroċċa tagħna, insibu statwa ta' San Ġużepp, ta' Sant' Antnin u tal-Qalb ta' Ġesu'. Bosta huwa l-għajdut li l-Vara Titulari ta' Santa Venera V.M. inbdiet tinħadem minnu u tkompliet minn aljevi tiegħu xi snin wara mewtu. Huwa miet nhar is-26 ta' Novembru 1909.

## ORESTE CHIRCOP

Dan it-tenur twieled fis-26 ta' Lulju 1923 u għadda żgħożitu jgħix fil-Parroċċa tagħna. Tgħallem il-vuċi għand is-surmast tal-Mużika Nikola Baldacchino fid-dar Nru. 487, Triq il-Kbira San Ġużepp Sta. Venera. It-Tenur Oreste Chircop kiseb suċċessi kbar fl-Opera f'Malta tant li f'waħda mir-rappreżentazzjoni tiegħu tant intgħoġbot il-vuċi tiegħu li talbuh biex isiefer u jibda jkanta l-Opra barra minn Malta. Huwa dam ftit jaħsibha qabel aċċetta. L-istedina ġo l-Amerika tista tgħid li kanta b'suċċess ġewwa Covent Garden. Lura fl-Amerika għamel kuntratt mal-Kumpanija Paramount fejn ipparteċipa b'suċċess kbir fil-film "The Vagabond King" li nħadem fis-sena 1956. Dan kellu jkun l-ewwel u l-aħħar film li ħadem peress li l-Kumpanija kisret il-ftehim għax Oreste qatt ma rid li jieħu sehem f'films li ma kienux operistiċi. Huwa rritorna Malta iqatta ħajtu mal-Familja.

Tagħrif miġbur minn Michael Zerafa.

## GĦAQDA VOLUNTIERA STA. VENERA WIRJA AGRIKOLA '93



L-Għaqda Voluntiera St. Veneral għal darb'oħra ser ittella l-Wirja Agrikola fil-Ġnien Romeo Romano fl-okkażżjoni tal-Festa ta' Sta. Venera V.M. f'egħluq il-75 Sena Parroċċa. Din il-Wirja l-Għaqda ittellha bil-koperazzjoni tal-Ministeri għall-ikel Agrikoltura u Sajd u tkun varjata bejn kompetizzjoni bi premjijiet u esebizzjoni.

Il-Wirja tkun miftuħa uffiċċjalment is-Sibt 31 ta' Lulju 1993 fil-11.30 a.m., mill-Onor. Stanley Zammit filwaqt li l-premjazzjoni lir-rebbieħa ser issir il-Ħadd l-1 t' Awissu 1993 fil-5.00 p.m. mill-Onor. Lawrence Gatt.

Fil-Wirja jistgħu jiġu esebiti diversi annimali kif ukoll affarijiet oħra. Ir-reġistrazzjoni ta' l-oġġetti ssir il-Ħamis 29 ta' Lulju bejn is-6.00 p.m. u t-8.00 p.m, il-Ġimgħa 30 ta' Lulju bejn is-6.00 p.m. u t-8.00 p.m. u s-Sibt bejn is-7.00 a.m. u d-9.30 a.m.

Wara s-suċċess miksub is-sena l-oħra, l-Għaqda Voluntieri ser terġa tniedi l-kompetizzjoni għat-tiżjin ta' l-isbaħ gallerija u faċċata għall-Żmien il-Festa. Għall-aktar informazzjoni tistgħu tikkuntattjaw l-membri ta' l-Għaqda.

**KULĦADD HUWA MISTIEDEN BIEX IŻUR DIN IL-WIRJA**